*REVOKA TA' MANDAT TA' SEKWESTRU*

*ART 836(1)(B) U (F) TAL-KAP 12*

*PENALI - ART.838(B) U (D) TAL-KAP 12*

*GARANZIJA - ART 838A TAL-KAP 12.*

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

## - SEZZJONI FAMILJA -

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum it-Tlieta 21 ta' Marzu 2017

**Rikors Revoka Numru : 22/2017/LSO**

**Mansueta *sive* Nancy Farrugia (KI Numru 851053M)**

**vs**

**Franco Farrugia (KI Numru 242055M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Franco Farrugia pprezentat fis-6 ta' Frar 2017 fejn umilment talab illi dina l-Onorabbili Qorti joghgobha:

1. Tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi u dana *a tenur* tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 836(1)(b) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikajra illi t-talba tar-rikorrenti Mansueta *sive* Nancy Farrugia ghall-hrug tal-mandat *de quo* saret b'malizja, u hija frivola u vessatorja oltre li ma saret l-ebda interpellazzjoni ghall-hlas ta' l-ammont pretiz qabel il-hrug ta' l-istess Mandat, u konsegwentament tikkundanna lir-rikorrenti thallas lill-esponenti penali mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€ 6,988.12) *ai termini* ta' Artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'kull rizerva ghad-dritt ta' l-esponenti li jipprocedi fil-konfront tar-rikorrenti ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti minnu bhala konsegwenza ta' dan il-Mandat ta' Sekwestru; u f'kaz li dawn it-talbiet ma jigux akkolti,

3. Tordna *ai termini* ta' l-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta lir-rikorrenti taghti garanzija sufficjenti entro terminu ffissat ghal dan l-iskop, sabiex taghmel tajjeb ghall-hlas tal-penali u tad-danni u telf u imghaxijiet, u f'kaz li r-rikorrenti tonqos milli taghti din il-garanzija xierqa entro

t-terminu impost mill-Qorti, **TIRREVOKA** dan l-istess Mandat.

Salv kull provvediment iehor illi dina l-Onorabbilii Qorti jidhirla xieraq u opportun.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-7 ta' Frar 2017 (fol 20) fejn ordnat in-notifika lill-kontro parti li permezz ta' nota fi zmien sebat ijiem min-noftika tal-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m' ghandhomx jintlaqghu. Appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-7 ta' Marzu 2017 fil-11:00am.

Rat ir-risposta ta' Mansueta *sive* Nancy Farrugia (ID 851053M) datata 20 ta' Frar 2017 a fol 24 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors dehret Dr Anna Mallia ghal Nancy Farrugia u Dr Joseph Schembri ghal Franco Farrugia prezenti fl-Awla. Xehdu bil-gurament taghhom Joanna Bartolo li esebiet Doks "BOV 1" sa Dok "BOV 17"; u Analisa Debono li esebiet Dok "MSV 1", liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Joseph Schembri u Dr Anna Mallia, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerli.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1084/2017 li nhareg mill-intimata ezekutanti Nancy Farrugia biex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha kontra l-eks zewgha Franco Farrugia, peress li qed jigi allegat li rrizultalha li kien hemm assi fuq ismu li ma gewx dikjarati qabel il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet.

Ikkonsidrat li r-rikorrent qed jitlob it-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru billi qed jissottometti li l-pretensjonijiet ta' Nancy Farrugia huma biss tkasbir, molestja u vessatorjeta` kontinwa stante li hi stess tramite l-proceduri ta' medjazzjoni qed tipprova tindaga jekk ghandhiex dritt minn assi jew investimenti li ma tafx jezistux jew le, tant li fl-istess proceduri ta' medjazzjoni ntalab kunsens biex jittellghu rapprezentanti bankarji li jimplika li m'hemmx prova dwar il-pretensjoni  ta' nofs miljun ewro.  Ghalhekk, gie mitlub li f'kaz li l-Mandat *de quo* ma jistax jigi revokat *in toto,* ghandu jigi revokat definittivament ghas-sekwestratarji Henley and Partners, minn fejn ir-rikorrent jaqla' l-ghejxien tieghu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>**

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-artikolu 836 (1) (b) u (f) tal-Kap 12 li jipprovdi:

*"**836.** (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatroju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-*

*kawza li fih jitlob l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt ezistenti,*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatroju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP 7 ta' Frar 2001 (**"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd."**). Il-jedd *prima facie* jrid ikun jedd, anke jekk *prima facie* biex jimmerita harsien. Illi mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta`, disagju jew thassib (Ara **Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et** – Qorti tal-Kummerc – 26 ta' Mejju 1995 (Kollez.Vol. LXXIX.iv.1378).

Illi ghandu jinghad ukoll li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (Ara Kumm. GMA 23 ta' Gunju 1994: "**Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et**"). Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa

t'ghajn li l-ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghal azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina is-subartikli citati mir-rikorrent fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiemha.

**Konsiderazzjonijiet Preliminari**

Illi l-ezekutanti qed tinvoka d-dritt taghha bbazat fuq klawsola pattwita fil-kuntratt ta' separazzjoni fejn hemm stipulat li "*should at any time in the future it were to transpire that there were any other assets or investments which have not been declared to the Wife but existed in the name of the Husband of which the Wife should have taken her half share, the Husband undertakes, that notwithstanding the signing of this deed, he will transfer to the Wife her half undivided share of such undivided investments and or assets."*

Illi ghalhekk kontrarjament ghal dak sottomess mir-rikorrent odjern, tesisti kawsali guridika ghat-talba ghall-hrug tal-mandat almenu *prima facie* minkejja stipulazzjonijiet ohra kontrattwali. Dawn huma partikolarment fejn il-partijiet assenjaw reciprokament dawk il-kontijiet jew investmenti registrati f'isimhom rispettivament, u, inoltre, ddikjaraw li kull parti tibqa' proprjetarja in assoluta ta' dawk id-depoziti,

investimenti ecc. li jinsabu fil-pussess jew fl-isem esklussiv taghhom.

Illi l-Qorti tqies li l-klawsola li fuqha s-sekwestranti ressqet it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru hija mmirata biex tizgura l-*bona fede* fil-qasma tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti u tiggarantixxi kontra *malafede* u *non disclosure.*

Illi l-Qorti fliet id-dokumenti esebiti mill-intimata u jirrizulta li fil-mument tal-ftuh tal-proceduri tal-mandat, kellha raguni *prima facie* biex tinvoka dak l-artikolu kontrattwali. Huwa nnutat li r-rikorrent esebixxa ittra mill-BOV plc (Dok FF8 affidavit u ittra). Izda din l-ittra hija limitata biss ghall-depoziti bankarji ezistenti f'data determinata, cioe` it-3 ta' Jannar 2012 u jirrizulta mill-ittra esebita mill-intimata (DOK NF2) li hemm kontijiet iktar, fiz-zmien rilevanti sad-data tal-kuntratt tal-firda, li kien hemm aktar kontijiet minn dawk dikjarati fl-ittra u fl-affidavit tar-rikorrent. Inoltre esebiet dokumenti li jirrigwardaw investimenti li mhumiex imsemmija fl-affidavit tar-ragel.

Il-Qorti hawnhekk tippreciza li mhix ser tidhol fil-kwistjoni dwar id-dritt sostantiv billi din tigi eppurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina t-talbiet fil-kuntest tal-kawzali migjuba ‘l quddiem mir-rikorrent.

**L-Art. 836(1)(b)**

Illi l-kawzali mahsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li mandat ikun inhareg sewwa, u f’xi waqt tkun

intemmet xi wahda mill-kundizzjonijiet li l-ligi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-sehh." [1]

Illi l-htigijiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat kawtelatorju huma li: (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi zmien preskritt wara) ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilta` tal-persuna li tkun talbitu.

Fil-kaz in ezami, jigi ritenut, li r-rikorrent ma ndikax li wiehed minn dawn il-kweziti rikjesti mil-ligi huwa nieqes, u lanqas jirrizulta li tali kwezit/jew kweziti huma neqsin mill-atti esebiti. Fil-karenza ta' tali indikazzjoni, u mill-atti li ghandha quddiemha din il-Qorti, ma jirrizultax li dan is-subartikolu jista' jigi applikat ghall-kaz tar-rikorrent. Jigi nnutat, li d-dokumenti esebiti mir-rikorrent mar-rikors promotur, ikopru l-mertu tal-vertenza li hemm bejn il-partijiet billi jikkonsistu f'korrispondenza tramite l-avukati, u dokumenti li juru li da parti tieghu, r-rikorrent, kien qasam l-assi kollha precedentement ghall-kuntratt ta' separazzjoni. Ghaldaqstant, m'hemm l-ebda dokument li jimmanifesta nuqqas ta' kwezit ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju li tieghu qed tintalab ir-revoka.

In vista tas-suespost, il-Qorti ser tiskarta l-ewwel raguni migjuba mir-rikorrent. Min irid jikkawtela pretensjoni, jista' jaghmel dan b'kull kors li taghtih il-ligi. Dan japplika principalment ghall-pretensjoni tal-intimata ezekutanti,

[1] Ara **Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart** – P.A. (JRM) deciza fid-29 ta' Lulju 2005.

stante li f'dan l-istadju ta' *prima facie*, ma jistax jigi indagat jekk il-pretensjoni hijiex valida jew jekk hijiex sostanzjata bil-provi.

**L-Art.836(1)(f) tal-Kap 12**

Illi din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kaz "**Spiteri vs Darmanin**" – P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan is-subartiklu u rriteniet: "*illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li,* ***wara l-hrug ta' mandat****, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh.* (Ara **"Dr. Tonio Fenech noe. Vs Dr. Patrick Spiteri et noe.** – P.A. (GC) ta' Awwissu 2001). Inoltre din it-tifsira tohrog mill-kliem jinzamm u aktar mehtieg li jinsabu fl-imsemmija disposzizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz."

Il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Effettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli *ab initio*, jew gustifikabbli, issa m'ghadux. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid iqis jekk mid-data tal-hrug tal-mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-mandat.

Illi fil-kaz in ezami, certament jirrizulta li l-kondizzjonijiet ghadhom l-istess bhal taz-zmien li fih inhareg il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, stante li l-proceduri ta' medjazzjoni ghadhom ghaddejin u ghad irid jigi determinat jekk il-pretensjoni tal-intimata ezekutanti tistax tkun affermata jew

ippruvata. Jigi osservat, li anke f'dan il-kaz, gew esebiti dokumenti u 'statements' bankarji, li juru li nhargu flus precedentement ghas-separazzjoni (fol 158-161), izda f'dokumenti ohra jintwera li fl-istess sena saru depoziti wkoll (fol 162). Illi, l-intimata ezekutanti qed timmanifesta d-dritt taghha ghall-pretenzjoni li tirrizulta *prima facie*, mill-klawsola msemmija mnizzla fil-kuntratt ta' separazzjoni, liema pretensjoni zgur li ghad ma tirrizultax sostanzjata bil-provi mill-atti li ghandha quddiemha din il-Qorti. Izda, independentement mill-mertu, xorta ma jistax jigi affermat li l-Mandat ta' sekwestru li r-rikorrent qed jittenta jirrevoka mhuwiex gustifikat.

Illi fil-paragrafu 23 tar-rikors ir-rikorrent talab sussidjarjament li l-mandat jigi revokat in kwantu qed jolqot is-salarju tieghu minn Henley and Partners izda ma saritx talba *ad hoc.* Din il-Qorti, hija strettament marbuta mat-talbiet kif maghmula fir-rikors kif dedott u ghaldaqstant, l-istharrig jista' jsir biss abbazi tat-talbiet u tas-subincizi tal-artikolu 836 kif formulati fir-rikors promotur.

Billi ma jirrizultax li kien hemm xi tibdil f'dawn il-htigijiet specifikati fis-subinciz (f) li jista' jwassal ghar-revoka tal-mandat abbazi ta' dan l-artikolu ma hemm l-ebda raguni valida biex izzomm lill-intimata ezekutanti milli tikkawtela l-kreditu pretiz b'kull mezz permess bil-ligi.

Illi ghalhekk, il-Qorti ser tichad it-talba ghal revoka tal-mandat billi l-estremi rikjesti ghall-applikazzjoni **tal-artikolu 836(1) (b) u (f)** ma jirrizultawx.

**L-artikolu 836 (8)(b) tal-Kap 12**

Illi saret talba wkoll sabiex is-sekwestranti tigi kkundannata thallas penali abbazi tal-artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap 12. L-Artikolu 836 tal-Kap 12 gie emendat permezz tal-att XXIV tal-1995.

Illi in linea generali l-**Artikolu 836 (8) tal-Kap 12** jipprovdi:

*"Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz elenkat fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu imsemmi."*

Il-qorti fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minabarra li tali imposizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-soddisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha huma c-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 836(8) f'dan ir-rigward, u ladarba hemm sanzjoni punittiva ghandhom jitqiesu bhala tassattivi. (ara **"Farrugia vs C&F Building Contracters Ltd**." –P.A. (JRM) – 14 ta' Awwissu 2014, "**Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd"** – P.A.(TM) – 13 ta' Marzu 2003, "**Spiteri vs Darmanin"** – P.A. (JRM) 25 ta' Awwissu 2010).

Illi dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi. Il-penali mahsuba fl-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz.

Illi fil-kaz **"Paul Attard noe. vs Loreto Abela"** – P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005, inghad hekk:

*"Illi ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin; l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghall-jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghall-hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur"); it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita` gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn;*

*Illi generalment l-abbuz mill-procedura guddizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm, ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija fl-Artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza,*

*traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

F'dan il-kuntest, in linea ta' principju huwa ritenut li dak li tikkundanna l-ligi huwa l-abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja. (Ara **Spiteri vs Camilleri** P.A. deciza fl-10 ta' Jannar 1992, u **John Zarb vs Port Cottonera Limited** P.A. deciza fit-18 ta' Settembru 2002).

L-**artikolu 836 (8) (b)** jipprovdi:

*"Jekk, fuq talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju, kellu jinhareg jew fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta` bizzejjed."*

*"Izda d-dispozizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raguni ta' urgenza ghall-hrug ta' mandat."*

L-**artikolu 836 (8) (d)** jipprovdi:

*"Jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizja, tkun frivola jew vessatorja."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ir-rikorrenti ndika li qed jinvoka specifikament is-subinciz (b) u (d) tal-artikolu 836(8).

Illi biex japplika l-**artikolu 836 (8) (b)** jrid jkun hemm talba tal-ezekutat għat-tneħħija tal-att kawtelatorju appuntu f'dawk l-atti u l-attur jew jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-ezekutat li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed.

Illi l-proviso ma japplikax billi ma ntweriex xi urgenza da parti tal-intimata ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru anke billi kien hemm proceduri ta' medjazzjoni gja inkorsi bejn il-kontendenti.

Illi jigi ritenut li din il-Qorti sabet li l-intimata ezekutanti ppruvat *prima facie* li kellha bazi ghall-mandat minhabba l-klawsola mnizzla fil-paragrafu ta' qabel tal-ahhar fil-kuntratt ta' separazzjoni. Fid-dawl ta' dan, teskludi li agixxiet b'mod abbuziv. Illi ghalkemm ma jirrizultax li saret interpellanza specifika, ghajr l-ittri li ntbaghtu mill-avukati difensuri tal-intimata ezekutanti, esebiti mir-rikorrent stess mar-rikors promotur, dan ma jimplikax, necessarjament li l-intimata agixxiet b'mod vessatorju.

Referibbilment ghal dak li jirrigwarda **l-artikolu 836 (8) (d)** ma gietx ippruvata xi forma ta' malizzja jew vessatorjeta` fil-hrug tal-Mandat in ezami.

F'dan l-isfond l-esponenti tagħmel riferenza għall-pronunzjament fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd. v. Paolo Bonnici Ltd.**, (7 ta' Lulju 2004), fejn il-Qorti, wara li affermat il-principju *qui suo jure utitur neminem laedere videtur"* fissret agir abbuziv: "*Tali abbuz jigi riskontrat biss*

*f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti nieqsa minn kull fondament kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u b'hekk il-procedura promossa tirrizulta vessatorja. Izda apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-konsegwenzi guridici derivanti mill-istess mhux bizzejjed sabiex tigi legittimata talba ghad-danni mill-parti rebbieha fil-kawza."*

Hawnhekk, ta' min jghid li kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova xi forma ta' malizzja jew vessatorjeta` hekk kif gie implikat fir-rikors. Dan bl-applikazzjoni tal-principju li l-bona fede hija prezunta izda l-hazen irid jigi ppruvat. (Ara **Miller Blacker pro et noe vs Howard,** App.Civ. deciz fis-7 ta' Lulju 1920). F'dan l-istadju, l-Qorti ma tistax toqghod fuq assunzjonijiet jew allegazzjonijiet, kwindi tqis li ladarba dawn l-elementi ma gewx ippruvati, l-pretensjonijiet tal-intimata ma jistghux jitqiesu li huma malizzjuzi, fiergha jew vessatorji billi qed tezercita dritt taghha anke f'kaz fejn l-azzjoni ma jkollhiex ezitu favorevoli.[2]

Madankollu, dan ma jfissirx li l-Qorti kkonkludiet li l-pretensjoni tal-intimata hija wahda ppruvata. Dak kollu li ntqal f'dan l-istadju bl-ebda mod m'ghandu jigi nterpretat b'relazzjoni mal-mertu tal-kaz bejn il-partijiet.

Ghalhekk, ma jezistux cirkostanzi hekk kif ikkontemplati fl-artikolu 836(8)(b) li jistghu jiggustifikaw impozizzjoni ta' penali.

---

[2] Ara **Joseph sive Joe u Mary konjugi Parnis vs Raymond u Joan sive Jane konjugi Pac** , P.A. deciza fit-28 ta' Settembru 2001.

Ghaldaqstant, issib li anke din it-talba ghandha tigi michuda.

**Artikolu 838A – Garanzija**

Ir-rikorrent, fit-tielet talba, talab li l-intimata tigi ordnata taghti garanzija idonea sabiex taghmel tajjeb ghal spejjez u danni li jistghu jigu sofferti, kemm-il darba ma jigix imhassar il-mandat ta' sekwestru.

Din it-talba hija maghmula fit-termini tal-**artikolu 838A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.**

Illi r-rimedju tal-ghoti tal-garanzija huwa alternattiv ghat-talba ta' thassir tal-mandat, u anzi jista' jinghata biss jekk kemm-il darba t-talba ghat-thassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jigifieri sakemm il-mandat ikun b'xi mod ghadu fis-sehh. (Ara **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd."** – P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002. Li kieku ma kienx hekk, l-ahhar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddahlu fil-ligi ghalxejn.

Il-ligi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawza gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta" ghall-finijiet ta' dan l-artikolu (l-artikolu 838A). irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellanti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-htija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili.( **Charles Darmanin et vs Albert Cachia et,** P.A., - (JRM) 31 ta' Lulju 2007).

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[3], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[4] minħabba l-istess Mandat. (Ara wkoll **Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.-** P.A. (TM) – 13 ta' Marzu 2003).

Illi kif inghad fid-decizjoni **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd."** P.A. (RCP) – 20 ta' Mejju 2002 u wkoll fid-decizjoni **"Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et"** (P.A. – 30 ta' Gunju 2000):-

*"Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandate kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l- hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta…..".*

Illi hu assodat li l-fatt li jista' jirreka' diffikoltajiet lid-debituri ezekutati mhuwiex, fih innifsu, kawza gusta ghall-iskop ta' dan l-artikolu. Fil-kaz in ezami, diga gie deciz li l-mandat ma ntalabx abbuzivament, u lanqas huwa vessatorju. Ma jidhirx li l-intimata m'ghandhiex *prima facie* bazi guridika fuq xhiex setghet tagixxi. Tenut kont li l-intimata agixxiet in

[3] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[4] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

kawtela tad-drittijiet spettanti lilha mill-klawsola enuncjata fil-kuntratt ta' separazzjoni, ma jistax jinghad li l-pretensjonijiet taghha huma vessatorji u ma jidhirx li qed isir abbuz, f'dan l-istadju, mill-istess procedura.

Ghalhekk, ma jidhirx li hemm lok li tigi imposta garanzija skont l-artikolu 838A tal-Kap 12.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talbiet kif dedotti ghar-ragunijiet spjegati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**21 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Marzu 2017a**